MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2007

Appell Civili Numru. 284/2004/1

**Joseph Sammut**

**v.**

**Alexandra sive Sandra Sammut**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni ipprezentata mill-attur li tghid hekk:
“Premess illi l-kontendenti ccelebraw iz-zwieg fl-14 ta’ Marzu 1992 hekk kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok. JS1;

“U premess illi mill-imsemmi zwieg, il-kontendenti kellhom zewgt itfal, it-tnejn minorenni Danika u Xylon;

“U premess ili l-kunsens tal-kontendenti jew min minnhom hu vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja matrimonjali, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzajali taz-zwieg;

“U premess illi l-kunsens tal-kontendenti jew min minnhom kiseb bl-eskluzjoni pozittiva fiz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

“U premess illi l-kunsens ta’ l-attur inkiseb b’qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

“U premess illi ghalhekk iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti huwa null u minghajr ebda effett fil-Ligi;

“Tghid ghalhekk l-istess konvenuta il-ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti, prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija li:

“1. Tiddikjara li z-zwieg hawn fuq imsemmi celebrat bejn il-kontendenti fl-14 ta’ Marzu 1992 huwa null u minghajr ebda effett fil-Ligi.

“Bl-ispejjez u bil-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni. “

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:
“1. Illi l-eccipjenti ma taqbilx li hemm ragunijiet validi fil-ligi li jwasslu ghan-nullita` taz-zwieg taghha ma’ l-attur.

“2. Illi, ghalhekk it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, fit-8 ta; Novembru, 2006, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens illi cahdet it-talba attrici bl-ispejjez;

Dik il-Qorti tat id-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fl-14 ta' Marzu 1992 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali "tal-kontendenti jew min minnhom" kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f], u dak ta' "l-attur" kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c], ta' l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255. Minn naha taghha l-attrici eccepiet b'mod generali li ma jezistux l-estremi ta' l-annullament.

"Il-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu.

"**Kwadru tal-fatti**

"Illi l-partijiet izzewwgu fl-14 ta' Marzu 1992, meta allura l-attur kellu 26 sena u l-konvenuta kellha 20 sena, u wara gherusija ta' circa 3 snin. Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt it-tfal, fis-sena 1992 u erba snin wara fis-sena 1996. Illi fis-sena 2001 il-partijiet isseparaw de facto, u fis-17 ta' Settembru 2003 isseparaw legalment. Illum il-gurnata it-tnejn qeghdin jghixu separatament f'relazzjonijet extra matrimonjali.

"Mill-provi jirrizulta li fiz-zmien ta' qabel iz-zwieg l-attur kien qal lill-konvenuta li kien hemm kawza ta' paternita` kontra tieghu u li kienet ghadha pendenti quddiem il-Qorti. Ghalkemm il-konvenuta xtaqet li tizzewweg wara l-ezitu tal-kawza, hija eventwalment cediet ghall-insistenza ta' l-attur sabiex jizzewwgu; u fil-fatt izzewgu fid-data fuq indikata.

"Illi jidher li fil-hajja matrimonjali l-koppja Sammut, ghalkemm maz-zmien kellhom zewgt it-tfal, irriskontrat diversi problemi li wasslet lill-konvenuta sabiex titlaq mid-dar matrimonjali ghal ftit granet f'zewg okkazzjonijiet.

"Fil-frattemp, u precisament fl-14 ta' Mejju 1993, l-kawza kienet inqatghet fis-sens li kien gie stabbilit li Joseph Sammut kien il-missier naturali tat-tifla li twieldet minn relazzjoni li huwa kellu qabel iz-zwieg; izda ghalkemm l-attur kien konxju ta' l-ezitu tal-kawza huwa naqas li jinforma lill-konvenuta ghax kien beza' li kienet titilqu. Di fatti l-konvenuta saret taf bl-ezitu tal-kawza f'Ottubru tas-sena 2001 meta ghamlet ir-ricerki appoziti, u dana wara li kienet diga` qed tipprepara biex titlaq mid-dar. Di fatti f'Novembru 2001 il-partijiet isseparaw de facto billi l-konvenuta telqet mid-dar matrimonjali.

"**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

"Illi l-Qorti, wara ezami tal-provi, hija tal-fehma li l-vera raguni l-ghaliex il-partijiet isseparaw ma kienitx l-ezitu tal-kawza, izda kienu l-kwistjonijiet ta' bejn il-koppja tul il-konvivenza ta' disa' snin. Di fatti kif stqarr l-attur fid-deposizzjoni tieghu li qabel ma kienet taf bl-ezitu tal-kawza il-konvenuta "kienet diga' telqet xi darbtejn ohra mid-dar, taghmel tlett ijiem ma tigix u seba' tijiem ma' tigix." L-ezitu tal-kawza kienet, *the last straw* li gieghlet lill-konvenuta tkun defenittiva fid-decizjoni taghha li titlaq mid-dar.

"Illi fil-versjoni tieghu l-attur jghati stampa tal-konvenuta bhala persuna vjolenti u aggressiva u li kienet affetta minn mard mentali, u di piu` kienet dahqet bih u ingannatu ghax ma kienitx informatu b'dan qabel iz-zwieg. Huwa jsemmi cirkostanzi in sostenn tat-tesi tieghu. Minn naha l-ohra l-attrici tghid li fil-bidu u ghal zmien twil kellhom hajja matrimonjali felici, izda sussegwentement bdew jinqalghu kwistjonijiet minhabba problema tax-xorb li kellu l-attur u li kienet qeda tirrendi difficli l-konvivenza bejniethom, imbaghad "il-problemi aggravaw[1] meta sirt naf bic-cert li Joseph kellu tarbija .. [fol.21]"

"Il-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina *seriatim* il-kawzali ta' l-attur li fuqhom qed jibbaza r-raguni ghat-talba tieghu. Fl-ewwel lok hija opportuna l-osservazzjoni li *onus probandi*

[1] Sottolinear tal-Qorti

*ei qui dicit non ei qui negat*, u konformament ma' dan il-principju kardinali f'materja ta' prova, l-oneru tal-prova jirrisjedi fuq il-parti li tallega. *Multo magis* f'kazijiet bhal dawn in disamina fejn tezisti fil-ligi presunzjoni legali dwar il-validita` tal-kuntratt taz-zwieg, sakemm ma jigix muri l-kuntrarju bi provi sodisfacenti li jezistu, wiehed jew aktar, mir-ragunijiet espressament kontemplati fil-ligi *[App.A Zammit vs Bernardette Zammit deciza 27.01.2006].*

"*[a] Discretio judicii*
Illi l-ewwel kawzali hija bazata fuq id-dispost tal-paragrafu [d] ta' l-Artikolu precitat. L-attur isostni li l-kunsens "tal-kontendenti jew min minnhom" kien ivvizzjat [a] b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tieghu jew [b] b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

"In propositu ghall-ewwel parti, gie osservat fil-kawza *"App.C. Joseph Spiteri vs George Spiteri [*Vol.LXXXV.II.81]* illi: "Jinsab assodat fil-gurisprudenza li jkun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens, parti jew ohra, tkun priva b'mod sostanzjali, ossia "gravi", minn dik il-fakolta' kritiko–estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg; jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Ghalhekk difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju mhux semplicement nuqqas ta' hsieb, jew nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizzjonijiet zbaljati [infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettamet kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju – *PA [21.11.1995] Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri]*

"Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19[1][d] irid ikun hemm l-inkapacita` psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li wiehed jagharaf u jirrifletti u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali"

“Konformament mal-premess sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi fuq din il-kawzali, jehtieg li jigi provat sodifacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens , il-partijiet jew wiehed minnhom, kien affett minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja matrimonjali u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali li din timporta. *“In altri termini e’ necessaria la discrezione non tanto per l’ atto in se al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell’atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro.” [Bersini -citat fil-kawza PA Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri deciza 4.11.1994]* L-obbligazzjonijiet essenzjali fil-hajja matrimonjali huma bazati fuq il-kuncett ta’ unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal komunjoni ta’ hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied. Din il-kapacita` li jassuma dawn l-obbligi ghandha tezisti fiz-zewg partijiet. *[PA Charles Atkins vs Matilde Atkins deciza 2.10.2003].*

“Izda la decizjoni zbaljata u lanqas kull stat ta’ immaturita` ma huma sufficjenti sabiex jintegraw din il-caput nullitatis. Illi ma hemmx bzonn li parti jkollha xi livell gholi ta’ maturita` jew edukazzjoni, izda ta’ l-anqas il-livell irid ikun tali li dik l-istess parti tkun kapaci taghmel valutazzjoni shiha, ponderata u libera dwar iz-zwieg u dwar id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg *[ PA Melanie Borg Cardona vs Joseph Borg deciza 29.10.2003]*

“ *[vide ukoll App.C. Caroline Grech vs Ian Borg deciza fis-27 ta’ Jannar 2006,deciza fis-27 ta’ Jannar 2006, u l-awturi u kazistika hemm citati]*

“L-immaturita` jew difett serju ta’ diskrezzjoni “*non si referiscono ad una piena e terminali maturita`, non esigono nei nubenti una conoscenza perfetta ed esaustiva di ceio che comporta l-matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio’ che puo’ comportare la vita coniugale, ne’ un perfetto equilibrio volitivo- affettivo, ne’ infine una conoscienza perfetta delle motivazzione della scelta matrimoniale. Ecco perche’ riesce piu` appropriato l’ uso del termine discrezione di*

*gudizzju, che fa riferimento ad un certo discernimento*[2] *ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena [Pompedda – Il Consenso Matrimoniale, u awturi ohrjan citati fil-kawza PA Nicholas Agius vs Rita Agius deciza 25 Mejju 1995, citata fil-kawza App.C Caroline Grech vs Ian Borg deciza fis-27 ta' Jannar 2006, [2006]supra].*

"Fil-kaz in disamina l-attur qed isostni li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-konvenuta kienet affetta minn inkapacita` psikika li tifhem l-obbligazzjonijiet matrimonjali, u dan rizulta tal-mard mentali li skond hu l-konvenuta kienet afflitta minnu.

"In propositu l-Qorti tirrileva li din l-allegazzjoni da parti ta' l-attur fil-konfront ta' martu hija gratuwita u ma ssibx sostenn fil-provi. Minn imkien ma rrizulta li fil-mument taz-zwieg il-konvenuta kienet affetta minn mard mentali, ma ngabet ebda prova dokumentali jew professjonali li jiccertifikaw, mhux biss li l-konvenuta hija affetta minn mard mentali, izda li kienet hekk affetta fil-mument tal-ghoti tal-kunsens. Imma l-attur jillimita ruhu ghall-allegazzjonijiet sostnuti biss minn missieru; u li minn naha l-ohra jinsabu kontradetti mill-konvenuta u ommha. Jigi osservat li fatt li waqt litigiju matrimonjali fokusi parti jew ohra taggredixxi lil parti l-ohra ma jirrendix dik il-parti affetta minn mard mentali kif qed isostni l-attur. Inoltre, f'dan il-kaz ma gew prodotti ebda certifikati jew xhieda medika li jipprovaw il-griehi li l-attur allegatament kien issubixxa minn martu.

"L-attur ikompli jsostni li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-konvenuta ma kellhiex dik il-maturita` affettiva u konoxxenza shiha ta' dak li kienet tirrikjedi l-hajja matrimonjali.

"In vena legali jigi osservat li l-kuncett ta' maturita` affettiva gie ritenut li jimporta *"generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono*

---

[2] Sottolinear ta' din il-Qorti

*privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi una mancanza di consenso libero [immaturita` affettiva] e ponderato [immaturita` di gudizio]" [Il Diritto Canonico Matrimoniale – Bersini; citat fil-kawza App.C. Raymond Theuma vs Carmen Theuma deciza 27 ta' Jannar 2006].* Inoltre, gie osservat li *"ogni volta che I contraenti abbiano raggiunto l'eta preskritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di gudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario."*

"Fil-kaz in disamina l-attur ma gab ebda prova li din il-kwalita` tal-maturita` affettiva kienet mankanti fil-konvenuta meta zzewget lill-attrici. Anzi l-provi juru l-kuntrarju, ghax fl-ewwel lok il-konvenuta, ghalkemm kienet qaltlu li kienet tippreferiet li tistenna l-ezitu tal-kawza, qabel ma tizzewweg, xorta wahda kkuntentat lill-attur u zzewwget qabel ma kienet inqatet il-kawza; u di piu` matul il-hajja matrimonjali l-koppja kellhom zewgt it-tfal b'interval ta' erba' snin, u ma rrizultax sodisfacentement provat li l-konvenuta kienet nieqsa mill-affett fil-konfront tal-konvenut.

"**Anomalija psikologika**

"Illi tieni parti tal-paragrafu [d] jikkontempla l-kaz ta' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti hekk affetta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. In propositu jinsab ritenut fil-gurisprudenza li mhux kull anomalija psikologika twassal biex tinficcja l-volonta` ghall-ghoti tal-kunsens shih u liberu fiz-zwieg; imma jehtieg li tkun ta' gravita` tali li kienet tirendi lil persuna inkapaci li konxjament u volutament jaghti l-kunsens tieghu biex jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

"Jehtieg li tkun tali li timpedixxi lill-parti milli jaqdi l-obbligi esenzjali taz-zwieg, u li tali sitwazzjoni kienet pre-ezistenti ghall-ghoti tal-kunsens. "…. the hypothesis of a real incapacity is to be considered only when an anomaly of a serious nature is present [ie. it ] must substantially vitiate

the capacity to understand and/or to consent.” [*Coram Bruno*]

“…. One cannot deduce an incapacity for consent simply because of the presence of a psychic disorder, but one must show that such disorder is so grave and it substantially affects the intellectual and volitive faculties [including therefore also the capacity relative to the assumption of the essential obligations of marriage] as to deprive the contracting subject from sufficient freedom” [*Msgr.Giuseppe Versaldi*]. *App.C. Joseph Spiteri vs George Spiteri [*Vol.LXXXV.II.81]*

“F’dan ir-rigward huma applikabbli l-kunsiderazzjonijiet fattwali suesposti li jirrendu din il-kawzali nsostenibbli. Jigi ribadit biss li ma giex provat sodisfacentment li fil-mument tal-kunsens matrimonjali l-konvenuta kienet affetta minn anomalija psikoligia serja fit-termini tal-paragrafu precitat.

“In fine huwa opportun li jigi osservat li mill-provi rrizulta sodisfacentement li l-konvenuta kienet rikoverata ghal jumejn fl-isptar Monte Carmeli, fis-sena 2004, wara li kienet ilha tlett snin separata *de facto* minn ma’ l-attur, u wara 15 il-gurnata mit-twelid tat-tarbija taghha mill-partner prezenti. In propositu, filwaqt li l-konvenuta tghid car u tond li hija kienet qed issofri minn post natal depression anke dovut ghall-inkwiet li ghaddiet minnu minhabba s-separazzjoni, l-attur fid-deposizzjoni tieghu, filwaqt li kkonferma li dina kienet l-unika okkazzjoni li fiha l-konvenuta marret Monte Carmeli, qal li ma kienx jaf x’ kienet ir-raguni. Di piu` fuq mistoqsija, l-attur jghid li ma jistax jghid ghax ma jafx jekk matul il-konvivenza tieghu mal-konvenuta dina kienitx taht kura psikjatrika. F’dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti tosserva li l-allegazzjonijiet tieghu li l-attrici “kellha[3] problemi serji mentali” u li skond hu jirrisalu minn qabel iz-zwieg huma fiergha u mhux sostnuti mill-provi; *multo magis* tenut kont tal-konstestazzjoni da parti tal-konvenuta tal-versjoni attrici.
“Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehma li din il-kawzali hija nfondata, stane li mhijex sostnuta mill-provi.

[3] Aff. Fol.16 – sottolinear tal-Qorti

“*[B] Simulazzjoni*
It-tieni kawzali hija bazata fuq il-kontenut tal-paragrafu [f] ta’ l-Artikolu precitat li jikkontempla bhala *caput nullitatis* il-kaz fejn il-kunses matrimonjali tal-partijet jew ta’ wiehed minnhom, ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

“In tema legali jinghad li kif osservat din il-Qorti fil-kawza *PA Brigitte Veneziano Broccia vs Avk.Dr. Joseph Sammut noe deciza 9.12.2002*, is-simulazzjoni tiehu l-forma ta’ dak li fid-duttrina civili hu deskritt bhala *colorem habet substantiam vero nullam* li b’konsegwenza jirrendi l-kuntratt bhala interament fittizju. Jkun hemm simulazzjoni f’kuntratt taz-zwieg meta fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew it-tnejn, <u>esternament turi</u> li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b’<u>att pozittiv tal-volonta`</u> taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg [simulazzjoni totali] jew tkun qed teskludi xi element jew proprjeta` essenzjali ghaz-zwieg [simulazzjoni parzjali] [*PA Muscat vs Borg Grech – 14.08.1995; Alfred Tonna vs Maria Tonna – 31.01.1996*]

“In subjecta materja [qerq] l-principju jibqa’ dak sancit fl-Art.981[2] tal-Kap.16, jgifieri li l-ghemil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jigi ppruvat.

“Ghalhekk sabiex l-attur jirnexxi f’din il-kawzali, jiehtieg li jigi provat sodisfacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens, iz-zewg kontendenti, jew parti minnhom, internament kienet qed teskludi b’att pozittiv tal-volonta` taghha jew iz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg li huma il-*bonus fidei, il-bonus prolis u l-bonus vitae*, ossia l-unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal komunjoni ta’ hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied, u l-ben essere reciproku.

“Jinghad mill-ewwel li mill-provi ma jirrizulta xejn li jindika li din il-kawzali treggi. Anzi l-provi juru li l-partijiet <u>kkonsentaw u riedu</u> li jinghaqadu fiz-zwieg. Il-fatt li <u>waqt</u>

iz-zwieg zviluppaw problemi bejn il-koppja, li aggravaw bil-fatt li l-konvenuta baqghet anzjuza dwar l-ezitu tal-kawza, jistghu jservu bhala bazi ghal separazzjoni personali; izda mhux ghall-annullament li ghandu bhala l-bazi tieghu il-vizzju tal-kunsens matrimonjali fil-mument li nghata.

"Inoltre hija opportuna l-osservazzjoni maghmula fil-kawza *App.C. Anthony Azzopardi vs Rita Azzopardi* deciza fil-5 ta'Novembru .2005, fis-sens li l-kawzali tad-difett serju ta' diskrezzjoni kontemplata fil-para. [d] hija inkompatibbli mal-kawzali tas-simulazzjoni – wahda proprjament teskludi lill-ohra; ghax "biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju irid ikun hemm l-inkapacita` psikika jew kostituzzjonali [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] li wiehed jaghraf u jirrifletti jew li jiddecidi liberament [jigifieri minghajr impulsi interni li jkunu nehhewlu l-liberta' ta' l-ghazla] fuq l-oggett tal-kunsens matirmonjali" [*PA Alex Tonna vs Anna Tonna 10.09.1997 u PA Samuela Lea Pavia vs John Pavia – 20.05.1996*]

"Is-simulazzjoni invece, peress li tirrikjedi l-eskluzjoni b'att pozittiv tal-volonta` dirett proprju fir-rigward taz-zwieg innifsu jew element/i essenzjali tal-hajja matrimonjali, tippostula l-kapacita` li wiehed jaghraf u jirrifletti u li jiddecidi liberament, u proprju ghax ikun hemm din il-kapacita` wiehed jaghzel li jaghmel l-eskuzzjoni pozittiva fuq riferita.

"Huwa veru li hafna drabi dawn iz-zewg kawzali jigu mqieghda fic-citazzjoni b'mod alternattiv, pero` dan ikun juri li l-attur anqas biss ikun cert mill-kaz tieghu, u jkun qed jinvoka kollox biex forsi jirnexxilu jaqbad ma' xi haga – cirkostanza, din, li fiha nnifisha ddghajjef il-kredibilita` lit-tezi tieghu f'materja hekk importanti.

" *[C] Qerq*
It-tielet kawzali hija fis-sens li l-"kunsens ta' l-attur" inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewwga.

"Gie ritenut in subjecta materja fil-kawza *App.C. Joseph Zammit vs Bernardette Zammit [27.01.2006]* li biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvizata fil-para.[c] iridu jikkonkorru erba' affarijiet: [1] il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti; [2] li l-qerq tkun incida fuq il-kunsens tal-partijiet; [3] li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita` tal-parti l-ohra; u [4] li din il-kwalita` tkun tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

"Fil-kaz in disamina dan il-*caput nullitatis* manifestament ma jirrizultax. Jidher li l-attur ibbaza din il-kawzali fuq il-mard mentali serju minnu allegat fil-konfront tal-konvenuta u li mill-provi, kif fuq dettaljatamnt spjegat, manifestament ma jirrizultax. Minn imkien ma jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, il-konvenuta, ipprattikat qerq fuq l-attur u ingannatu b'xi mod. Anzi l-provi juru li jekk xi hadd inganna, kien l-attur stess li, waqt iz-zwieg, heba ghal snin shah l-ezitu tal-kawza ta' paternita` li kienet pendenti kontra tieghu fil-mument tal-kunsens matrimonjali.

"Ghaldaqstant anke din il-kawzali tirrizulta infondata.

"In vista tal-premess, l-azzjoni attrici ma tistax tregi stante li ma ssibx sostenn fil-provi, u ghalhekk ser tigi rigettata."

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-attur li in forza tieghu talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghogobha tirrevoka u thassar is-sentenza appellata fis-sens li tilqa' t-talba tieghu u tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-kontendenti bhala null u minghajr effett fil-ligi;

Rat ir-risposta tal-konvenuta fejn issottomettiet li taqbel mas-sentenza appellata u talbet li l-appell jigi michud;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-17 ta' April 2007;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Fir-rikors ta’ l-appell tieghu l-appellant jissottometti illi z-zwieg tieghu mal-konvenuta appellata hu null minhabba tlett difetti tal-kunsens specifikati fis-subartikolu (1) ta’ l-Artikolu 19 tal-Kap. 255, jigifieri li l-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, skond il-paragrafu (d) ta’ l-imsemmi subartikolu; li l-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, skond il-paragrafu (f), u, li l-kunsens tieghu inkiseb b’qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, skond il-paragrafu (c).

Dwar l-ewwel zewg *capita nullitatis*, il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza **Carmelo Grima v. Mary Andrews** deciza fit-2 Novembru 1998 qalet illi
“[h]u appena necessarju jinghad li dawn iz-zewg difetti ma jistghux jikkoezistu fir-rigward tal-kunsens ta’ l-istess persuna. Kif gie spjegat minn din il-Qorti fis-sentenza tal-11 ta’ Dicembru, 1996, fil-kawza fl-ismijiet **Raymond sive Ray Borg v. Vivien Zammit gia` Vivien Borg**, is-simulazzjoni tirrikjedi att pozittiv tal-volonta` dirett lejn iz-zwieg innifsu jew lejn wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga (jew lejn id-dritt ghall-att taz-zwieg), mentri d-difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju jimplika proprju l-inkapacita` li wiehed jirrifletti u jaghraf, jew li jiddeciedi liberament, dwar l-oggett tal-kunsens matrimonjali. Ghalhekk il-wahda teskludi l-ohra (dejjem, naturalment, a rigward tal-kunsens ta’ l-istess persuna) (ara wkoll **Jacqueline Cousin v. Bernard Simler**, P.A., 3/6/98).”

**<u>L-aggravju dwar is-simulazzjoni</u>**

Fir-rikors tieghu, l-appellant jikkontesta kemm l-analizi legali u dottrinali maghmula mill-ewwel Qorti kif ukoll l-apprezzament tal-provi maghmul mill-istess Qorti fis-sentenza taghha. Issa, il-Qrati Maltin ezaminaw kemm-il

darba l-elementi rikjesti sabiex jista' jinghad li kien hemm id-difett tal-kunsens kontemplat fil-paragrafu (f) ta' l-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255. Fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kaz **Anna Galea v. John Walsh** deciza fit-30 ta' Marzu 1995, gie ritenut illi:
"Hawn qeghdin fil-kamp tas-simulazzjoni, u cioe` meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun qed jinghata. L-awturi jitkellmu dwar consensus simulatus jew consensus fictus. Din is-simulazzjoni tista' tkun jew totali jew parzjali. Kif jispjega l-awtur Castano (Castano, J.F., Il Sacramento del Matrimonio, Roma, 1992): "*In generali si parla di exclusio totale e di exclusio partiale. La prima sarebbe la esclusione della totalita` matrimoniale, cioe` del matrimonium ipsum, mentre la seconda si riferisce al matrimonio solo "parzialmente", vale a dire ad essentiale matrimonii aliquod elementum e ad essentialem aliquam proprietatem. Ad ogni modo, si tratti della esclusione parziale, per quanto riguarda l'effetto sulla validita` del matrimonio, non c'e` nessuna differenza, giacche` il matrimonio in ambedue i casi e` sempre invalido.*" (op. cit. p. 382)."

F'dik is-sentenza, il-Prim Awla tal-Qorti Civili kompliet tispjega illi:
"L-eskluzjoni jinghad li trid tkun posittiva fis-sens li mhux bizzejjed li jkun hemm in-nuqqas ta' volonta` jew in-nuqqas ta' kunsens dwar xi element essenzjali, izda jrid ikun hemm volonta` posittiva li teskludi tali element essenzjali: "*Noi crediamo che l'espressione in questione voglia dire che non e` sufficiente la mancanza (assenza) dell'intenzione di escludere, ma e` necessaria la presenza (esistenza) di detta intenzione .... Quindi non basta che esista il nolle, ma si richiede il velle non. Solo cosi` siamo davanti ad un atto positivo di volonta`.* (Castano, op. cit. p. 384)."

"La l-legislatur Malti u lanqas dak kononiku ma enumeraw l-elementi essenzjali kollha tal-hajja mizzewga. Din il-Qorti, pero`, fis-sentenza taghha tal-4 ta' Novembru, 1994 fil-kawza fl-ismijiet **Angela Spiteri xebba Selvaggi v. Joseph Spiteri** diga` kellha l-okkazzjoni tosserva dan li

gej fil-kuntest ta’ l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg:

“Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta’ definizzjoni jew indikazzjoni fil-Kap. 255, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u invarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma “*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conductive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics”* (Viladrich, P.J., Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated (Montreal, 1993, p. 687).”

Fis-sentenza **Thomas Azzopardi v. Mary Azzopardi** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta’ Dicembru 1996 il-Qorti osservat illi
“[b]iex jirrizulta d-difett ravvizat fil-paragrafu (f) imsemmi, irid jigi ppruvat, sal-grad li trid il-ligi f’kawzi civili, li parti jew ohra, fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, b’att pozittiv tal-volonta` esludiet iz-zwieg innifsu jew element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall-att taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista Castano, l-eskluzjoni jinghad li trid tkun pozittiva fis-sens li mhux bizzejjed li jkun hemm in-nuqqas ta’ intenzjoni jew in-nuqqas ta’ kunsens dwar iz-zwieg jew dwar xi element essenzjali, izda jrid ikun hemm volonta` ossia intenzjoni pozittiva li teskludi dak iz-zwieg jew dak l-element essenzjali.”

Fil-fehma ta’ din il-Qorti ma hemm ebda raguni ghala l-apprezzament tal-provi ta’ l-ewwel Qorti ghandu jigi

disturbat. L-uniku element essenzjali taz-zwieg li gie allegat li gie eskluz kien dak ghall-perpetwita` ta' l-ghaqda. Fil-fatt jirrizulta li qabel ma sehh dan iz-zwieg, kien qed jigi allegat li l-attur kellu relazzjoni ma' mara ohra u kellu tarbija. L-attur kien cahad li t-tarbija kienet tieghu, u omm it-tarbija kienet fethet kawza kontra l-attur fejn talbet dikjarazzjoni li hu kien il-missier naturali tat-tifla. Il-konvenuta kienet taf b'dawn il-proceduri, tant li ghall-ewwel ma rieditx tipprocedi ghaz-zwieg ma' l-attur qabel ma tigi deciza l-kawza ta' ricerka ta' paternita`. Peress, pero`, li l-attur ried jizzewweg malajr u assigura lill-konvenuta li hu ma kienx missier it-tarbija, il-konvenuta accettat li tidhol ghaz-zwieg, biss qaltlu li jekk jirrizulta li l-attur kien fil-fatt il-missier naturali tat-tifla, hija kienet ser titilqu. L-attur jallega li din id-dikjarazjzoni hi evidenza li meta l-konvenuta tat il-kunsens taghha dan kien vizzjat peress illi ma tatx il-kunsens bl-intenzjoni li tidhol ghaz-zwieg li jdum ghal dejjem.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. Dak li qalet il-konvenuta ma jfissirx li hi kienet lesta tinhall minn zwieg validu, izda li ma riedetx tibqa' kompartecipi fi zwieg li jkun rizultat ta' ingann. Fi kliem iehor hi kienet favur il-permanenza taz-zwieg validu, u l-kunsens taghha kien indirizzat ghal dan il-ghan. Il-konvenuta tat il-kunsens ghal zwieg ghal dejjem, u hekk riedet li dak iz-zwieg ikun. Hi ma esprimietx hsieb li tidhol fi zwieg ghal ftit ta' zmien biss; riditu permanenti, izda li ma riedetx kien li hi tibqa' fi zwieg mibni fuq ingann. L-onesta` u l-integrita` tal-persuna li mieghu tintrabat fiz-zwieg huma elementi importanti tal-karattru ta' dik il-persuna, u jekk dik il-persuna, deliberament u konxjozament tinganna lill-parti l-ohra dwar l-onesta` u s-sincerita` taghha, dik il-parti jista' jkollha argument biex thassar dak l-istess zwieg.

F'kull kaz, il-konvenuta ma ddikjaratx volonta` preciza kontra element importanti taz-zwieg, il-permanenza tieghu, pero`, se mai, rabtet il-kunsens taghha ma' kundizzjoni, izda l-attur ma allegax dan, u ma talabx dikjarazzjoni ta' nullita` a bazi tal-paragrafu (g) ta' l-Artikolu 19 imsemmi aktar qabel. Fi kliem iehor, fl-ahjar ipotesi ghall-attur, dik l-istqarrija tal-konvenuta ma

twassalx ghall-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg, jew xi element essenzjali tal-hajja mizzewga, li hi l-bazi ta' wahda mill-kawzali li fuqa l-attur ressaq il-kawza tieghu, izda, forsi, ghar-rabta tal-kunsens tal-konvenuta ma' kondizzjoni, kawzali li l-attur ma talabx lill-Qorti tinvestiga.

Ghal kull buon fini, din il-Qorti taghmilha cara li hi mhix qed tghid li l-konvenuta, fil-fatt, rabtet il-kunsens taghha ma' kondizzjoni li tirreferi ghall-futur fis-sens tal-ligi, ghax li tghid li ma riedetx tibqa' fi zwieg mibni fuq ingann, mhux necessarjament hija l-"kondizzjoni" li ghaliha tirreferi l-ligi fl-Artikolu 19(1)(g) ta' l-Att dwar iz-Zwieg.

**<u>L-aggravju dwar difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju u anomalija psikika</u>**

Fir-rigward ta' dan il-*caput nullitatits*, fis-sentenza fl-ismijiet **Nicholas Agius v. Rita Agius** deciza fil-25 ta' Mejju 1995, il-Prim Awla tal-Qorti Civili tat spjegazzjoni ezawrenti tal-kuncett ta' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju:-

"B'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser sempliciment kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addiritura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' <u>discretio</u> <u>judicii</u> hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurist Colagiovanni: "*Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" ....richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che....si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita"* (<u>Forum</u>, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).

"Pero`, kif gia nghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza "*non si riferiscono ad una piena e terminali maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non*

*richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conoscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l'uso del termine discrezione di giudizio, che fa rifermento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena*" (Pompedda, M.F., Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski-Pompedda-Zagglia, Il Matrimonio nel Nuovo Codici di Diritto Canonico (Padova, 1984), p. 46). p. 46). Propju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

"Kif jispjega Bersini, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti: "*la piena avvertenza e il deliberato consenso....La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva ... ... La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)*" (Bersini, F., Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino, 1994), p. 97).

"L-istess awtur, imbaghad, ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg: "*Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra` essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta*

*nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all'assunzione di uno* stato *di vita che incide su tutta l'esistenza con un contratto perpetuo e irrescindibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido conseno, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio"* (Ibid. pp. 97-98). Hawnhekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli: *"....se il soggetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un'affettivita` non sufficientemente matura a anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia....In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei riguardi dell'altra parte sia nei riguardi della prole*"

(Pompedda, M.F., Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

"Biex tikkonkludi fuq din it-tema, il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti esposizzjoni ta' Viladrich: "Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring" (Viladrich, P.J., Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated (Monteal, 1993), p.686)."

F'din il-kawza, l-appellant jipprova jsostni dan l-aggravju fuq diversi incidenti ta' vjolenza da parti tal-konvenuta. Apparti li l-allegazzjonijiet ta' l-attur gew kontrodetti mill-konvenuta, dawn l-incidenti kollha sehhew wara z-zwieg, u, fihom infushom, ma jservux bhala prova ta' mard mentali kif qed isostni l-attur. Kif irriteniet din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-15 ta' Novembru 2005 fl-ismijiet **Mario Mizzi v. Maris Mizzi** (u dan fuq l-iskorta ta' sentenzi ohra, fosthom dawk citati hawn aktar 'il fuq f'din is-sentenza) biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita` psikika jew kostituzzjonali (mhux necessarjament psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) li wiehed jaghraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberalment (jigifieri minghajr impulsi interni li jkunu nehhew il-liberta` ta' l-ghazla tal-persuna li tkun) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. Fil-kaz odjern, l-ebda tali inkapacita` psikika jew kostituzzjonali ma giet ipprovata sal-grad li trid il-ligi f'kawzi civili. Huwa possibbli illi l-partijiet ma rriflettewx bizzejjed fuq il-pass li kienu se jwettqu, u li dan wassalhom biex jiehdu decizjoni zbaljata, izda dan in-

nuqqas ta’ riflessjoni ma huwiex bizzejed biex iz-zwieg taghhom jigi ddikjarat null fuq difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju.

L-ewwel Qorti ghamlet analizi dettaljat ta’ l-incidenti ta’ vjolenza allegati mill-attur u ma rrizultalhiex li l-konvenuta kienet persuna inkapaci li taghti l-kunsens taghha biex tassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Fir-rikors ta’ l-appell tieghu, l-appellant insista, anke f’dan l-istadju, fuq it-tieni parti ta’ l-Artikolu 19(1)(d) jigifieri li l-kunsens ghaz-zwieg ikun vizzjat minhabba “*anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*”. F’dan ir-rigward il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Samuela Lea Pavia v. John Pavia** deciza fl-20 ta’ Mejju 1996 osservat illi “*il-ligi taghna tirrikjedi mhux biss li l-anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha impossibbli, mhux semplicement difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia li jassumihom*”. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, l-ewwel Qorti kienet korretta meta rriteniet illi din l-allegazzjoni ma tistax tregi stante illi bl-ebda mod ma giet ippruvata. Fil-fatt mill-provi kollha migjuba ma tirrizulta lanqas xi ombra ta’ anomalija psikologika.

**<u>L-aggravju dwar il-qerq</u>**

Fir-rikors ta’ l-appell tieghu, l-appellant baqa’ jinsisti fuq li l-kunsens <u>tieghu</u> inkiseb b’qerq, pero`, minn qari tas-sottomissjonijiet fir-rigward li ressaq l-istess appellant, jidher li qed jipprova jsostni l-kaz tieghu fuq qerq <u>ipprattikat minnu</u> fil-konfront tal-konvenuta, u f’ebda stadju ma jipprova juri kif il-kunsens tieghu gie kolpit b’qerq. Fil-fatt, l-appellant isostni li “dan il-qerq gie perpetrat (minnu stess!) bil-hsieb li jikseb il-kunsens tal-konvenuta ghax kien konxju tal-fatt illi kieku l-konvenuta kienet taf li hu l-missier ma kienetx ser tizzewgu”. Il-konvenuta, pero`, mhux qed tallega li l-kunsens taghha inkiseb b’qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra, u l-attur ma ressaq ebda prova biex juri kif hu gie ingannat biex jaghti l-kunsens tieghu ghal dan iz-zwieg.

Fir-rikors tieghu, l-appellant jipprova jargumenta wkoll li hu gie ingannat meta l-konvenuta ma qaltlux bil-problemi mentali u psikologici li allegatament kellha. Fl-atti, pero`, ma hemm ebda prova li turi li l-konvenuta, qabel iz-zwieg, kienet tbati minn problemi mentali u hbiethom mill-attur. Ebda records medici ma ntalbu jew gew esebiti, u ebda ezami mediku ma gie mitlub li jsir tal-konvenuta. Il-fatt li wara z-zwieg u wara t-tqala, il konvenuta ghamlet zmien tbati minn "*post natal depression*" u kellha tmur, ghal xi jiem, fl-isptar Monte Carmeli, ma tfissirx li din kienet taht xi kura psikjatrika fil-mument taz-zwieg. Il-prova ta' dan kellu jaghmilha l-attur, u fl-atti ma hemm ebda ombra ta' prova f'dan is-sens.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu a karigu ta' l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------